MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 923/1997/1

Emanuel Camilleri
vs
Dipartiment tax-Xogholijiet u b'digriet tat-13 ta' April 2000 gew kjamati fir-rikors l-Auxiliary Workers Training Scheme u l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi dan l-ilment hu bazat fuq il-fatt li r-rikorrent kien dahal fid-Dejma u baqa' hemm ghal zmien twil. Gie trasferit u ma giex infurmat u wara zmien qalulu li l-impjieg tieghu gie terminat. Dan kien minghajr raguni.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn: Wara li kien dahal fid-Dejma huwa kien intbaghat jahdem f'diversi postijiet. Hadd ma kien qallu jew infurmah li kellu jmur mal-Valletta Harbour Works, u wara gie allegat li kien irrifjuta li jmur mal-istess Valletta Harbour Works, u l-impjieg tieghu gie terminat.

Dan kien b'effett mis-27 ta' Novembru 1989 u l-kap tieghu kien infurmat fit-23 ta' Novembru 1989. Imma huwa qatt ma gie presentat bl-ghazla li jew imur mal-Valletta Harbour Works jew jispicca.

Illi kien hemm il-hsieb li jingiebu x-xhieda indikati in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant intalab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi d-Dipartiment tax-Xogholijiet mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' l-ilment sostenn.

Illi r-rikorrent kien dahal fid-Dejma b'effett mis-6 ta' Jannar 1986 u sussegwentement gie trasferit ghal ma' l-Awziljari. Fil-perjodu in kwistjoni ir-rikorrent kien sekondat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet izda qatt ma kien impjegat ta' l-istess Dipartiment.

Illi d-Dipartiment kien gie notifikat permezz ta' ittra datata 23 ta' Novembru 1989 mibghuta mill-Iskema Haddiema Awziljari u Tahrig biex jittermina l-impjieg tar-rikorrent minhabba li hu kien irrifjuta x-xoghol permanenti offrut lilu.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokuemnti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit li kkonferma bil-gurament li hadd ma qallu li kien gie trasferit mill-Valletta Harbour Works, u kien wara li gie infurmat li x-xoghol tieghu gie terminat. Semma li hu kien fid-Dejma u ghalhekk gie bla xoghol. Hu lmenta li l-fatt li x-xoghol tieghu gie terminat minghajr raguni hi ingustizzja u qal li llum jahdem ma’ kuntrattur privat. Qal li x-xoghol tieghu kien fuq il-mains ta’ l-ilma u meta gie trasferit hadd ma nfurmah. Zied ighid li f’daqqa wahda qalu li ma kienx baqa’ jidhol ghax-xoghol u gie mkecci. Spjega li la kienu qalulu bil-kitba u lanqas bil-fomm u ma nghata l-ebda raguni ghaliex gie trasferit. Sostna li kien gie trasferit minghajr ma qalulu u baqa’ jaghmel l-istess xoghol sa xahar wara. Semma li fl-ahhar xahar kien anki hareg cekk li s-Sur Scicluna kien infurmah li ma jistax jiehdu ghax kien gie trasferit mal-Valletta Harbour Works. Qal li meta kien mar mal-Valletta Harbour Works kienu qalulu li kien tard wisq u ma kellhomx bzonn iktar nies u ghalhekk tilef impieg. Fl-ahhar nett qal li hu qatt ma kien impjegat mal-Gvern dejjem kien mad-Dejma u l-AWTS.

Xehed Toni Vella li qal fiz-zmien li kien jahdem mar-rikorrent kien il-Public Works. Qal li hu kien chargehand u r-rikorrent kien Trenching Operator. Qal li r-rikorrent kien spicca ghall-habta tal-1992. Qal li meta kien jispicca xi hadd kien normalment jircievi bil-miktub. Ma kien ircieva xejn dwar ir-rikorrent li kien gie trasferit. Qal izda li fil-kaz tar-rikorrent qatt ma rcieva xejn dwar it-trasferiment tieghu u qal li kien sorpriz ghax ir-rikorrent kien jirsisti ghax-xoghol.

Xehed Paul Scicluna li qal jaf lir-rikorrent bhala impjegat tad-Dejma. Qal li Camilleri kien mad-Dipartiment tax-Xogholijiet u sekondat mad-Dipartiment tal-Ilma. Qal li dak iz-zmien hu kien inkarigat mis-salarji izda m’ghandux access iktar ghar-records. Semma li r-rikorrent kien mad-Dejma u ghalhekk l-istruzzjonijiet johorgu mill-Armata. Qal

li jiftakar li kien ircieva korrispondenza biex ma johorgux iktar cekkijiet fir-rigward ta’ Camilleri minhabba li kien irrifjuta xi xoghol fil-rigward tal-Valletta Harbour Works.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig eccepiet li giet kjamata in kawza fit-13 ta’ April 2000 fuq talba tar-rikorrent u ghalhekk din it-talba saret fuori termine stante li z-zmien koncess mill-ligi biex isiru rikorsi kien ghadda u ghalhekk talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-8 ta’ Novembru 2001, it-Tribunal, ghamel referenza ghas-sentenzi Pauline Camilleri vs Direttur Avjazzjoni Civili et deciza 22 ta’ Gunju 2000 u Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et deciza fl-1 ta’ Novembru 2000 u ghall-motivi hemm indikati illibera lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikorrent istitwixxa l-kawza kontra d-Dipartiment tx-Xogholijiet u kien ottjena wkoll il-kjamat in kawza tal-AWTS. Id-Dipartiment tax-Xogholijiet eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-ilment. Hawnhekk it-Tribunal irid jirrimarka li rrizulta li r-rikorrent kien impjegat mad-Dejma u ghalhekk certament li ma jistax jirrispondi d-Direttur jew id-Dipartiment tax-Xogholijiet ghall-ilment tar-rikorrent. Ir-rikorrent kien dahal fid-Dejma b’effett mis-6 ta’ Jannar 1986 u sussegwentement gie trasferit ghal ma’ l-Awziljari. Fil-perjodu in kwistjoni r-rikorrent kien sekondat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet izda qatt ma kien impjegat ta’ l-istess Dipartiment. Id-Dipartiment kien gie notifikat permezz ta’ ittra datata 23 ta’ Novembru 1989 mibghuta mill-Iskema Haddiema Awziljari u Tahrig biex jittermina l-impjieg tar-rikorrent minhabba li hu kien irrifjuta x-xoghol permanenti offrut lilu. Ghalhekk a tenur tal-artikolu 181B ir-rikorrent ma harrikx lill-legittimu kontradittur tieghu. Minhabba f’hekk it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur tax-Xogholijiet.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------